MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 20/2006

**Maurice Borg**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-appell.

Ikkunsidra:

Illi l-appellanti kien beneficcjarju tal-Ghajnuna Socjali ghad-Dizimpjieg sas-16 ta' Dicembru 2005 f' liema data din l-assistenza giet lilu mwaqqfa ghar-raguni li wara investigazzjonijiet li saru mid-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet irrizulta li l-appellant kien self employed farmer.

Mix-xhieda ta' l-ufficjal investigattiv stess u anke mid-dokumenti minnu esebiti rrizulta li l-introjtu ta' l-appellant mir-raba hija minima u certament ma jistax jitqies li huwa self employed farmer.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u d-decizjoni appellata revokata."

L-appell introdott mid-Direttur kontra din is-sentenza hu fis-sens illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Arbitru fl-evalwazzjoni tal-fattispeci tal-kaz hi estraneja ghad-definizzjoni tal-ligi riferibilment ghall-persuna li "tahdem ghalik innifsek";

Tali espressjoni hi mfissra fl-Artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali bhala "persuna li timpjega lilha nnifsiha li tinsab okkupata f' xi attivita` li permezz taghha jinqala' qliegh li jkun izjed minn Lm390 fis-sena". Fuq l-istregwa ta' din id-definizzjoni, akkoppjat mar-rizultanzi ottenuti mill-istharrig tad-Direttorat tal-Frodi, id-Direttur issospenda ghal kollox l-Ghajnuna ghall-Qaghad li kien jippercepixxi l-appellat. Fi kliemu stess "gie deciz li m' intix/m' ghandekx aktar intitolat ghal din l-'Assistenza'" ghaliex instab li kien "*a self employed farmer*." Ara ittra tieghu tat-8 ta' Frar 2006 lill-appellat;

Bid-decizjoni tieghu, issa kkontestata, l-Arbitru, filwaqt li laqa' l-appell ta' Maurice Borg, irrevoka d-decizjoni precedenti tad-Direttur. Hi proprju din id-decizjoni ta' l-

Arbtiru li issa qeghda tigi attakkata mid-Direttur bil-motiv illi d-diskrezzjoni tieghu tal-fatti ma ghandhiex korrispondenza fit-test tal-ligi. In sostanza, l-appellant qed jissottometti illi din id-diskrezzjoni giet malament adoperata;

Huwa sintomatiku, u dan kif bosta drabi osservat minn din l-istess Qorti, illi l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-Arbtiru ghandu jsir dejjem fil-limiti tal-ligi u f' dawk il-limiti l-ohra li mill-kazistika gew senjalati ghall-ezercizzju ta' diskrezzjoni u funzjonijiet affidati lill-korp jew tribunal gudizzjarju jew extra-gudizzjarju. Ara **Kollez. Vol. XXXII P II p 317**;

Issa, kif gja rilevat, fil-kaz prezenti l-Arbitru deherlu, u ddetermina wkoll, skond il-provi li kellu quddiemu, illi l-appellat ma setax jigi kwalifikat bhala "*self-employed farmer*". Biex wasal ghal din il-konkluzjoni huwa ta piz lill-prova illi l-introjtu ta' l-appellat mir-raba' kien illi, fl-opinjoni ta' l-Arbitru, il-qligh ta' l-appellat ma kienx jissupera l-massimali espress fid-definizzjoni fuq riportata;

Meta wiehed jigi biex japplika l-interpretazzjoni tal-ligi ghar-rizultanzi tal-kaz in ispecje, wiehed irid joqghod ferm attent illi t-timbru ta' *self-employed* ma jigix addossat lil kull min jaghmel xi attivita`, tkun xi tkun, imma ghandu jara jekk dik l-istess attivita` thallilux qligh ta' izjed mis-somma stabbilita fid-definizzjoni. "Qligh" dan li kif jinghad band' ohra fl-Artikolu 2 ta' l-Att imsemmi, tfisser "dhul minn persuna li tahdem ghaliha nnifisha minn attivita` ekonomika u ghandha tiftiehem bhala dhul nett wara li jinqatghu l-ispejjez li jsiru direttament biex jinkiseb dak id-dhul";

Dan kollu qed jingieb in riljev ghaliex milli jidher id-Direttur qed iqis li l-ammonti percepiti mill-appellat minghand il-Marsovin bhala kollha qligh, mentri, invece, l-appellat isostni, fl-istess appell tieghu lill-Arbitru, illi dak id-dhul kellu, qabel kollox, jaghmel tajjeb ghall-ispejjez minnu

erogati ghall-produzzjoni ta’ dak l-istess dhul, li ghal sena minnhom (2005) kien ghadu mhux saldat. Il-Qorti ragonevolment tifhem illi fir-*ratio decidendi* tieghu, anke jekk dan mhux rilevat espressament, l-Arbitru ha in konsiderazzjoni l-qligh li l-appellat kien jibqalu wara li jinqatghu l-ispejjez;

F’ materja simili li tinvolvi d-dekadenza tad-dritt ta’ l-appellat ghal konsegwiment ta’ l-assistenza socjali, il-Qorti jidhrilha li ma ghandhiex, leggerment jew kapriccjozament, tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-Arbtiru li kellu quddiemu c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif sottomessi lilu. Diskrezzjoni din, li fil-kaz partikulari, ikollu jinghad li giet sew kondotta, *ex-facie* l-inkartament processwali. Lanqas allura ma jista’ jinghad illi l-Arbitru affronta l-kwestjoni b’ vizjoni skorretta tat-test tal-ligi fid-definizzjoni migjuba.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tirrespingi l-appell devolut lilha u fis-sens premess tikkonferma s-sentenza appellata ta’ l-Arbitru, bl-ispejjez, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------